MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 316/2002/1

**Mario Ellul.**

**-vs-**

**Joseph Testa u b'digriet tas-26 ta' Mejju, 2004 gie kjamat fil-kawza Aaron Testa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Marzu, 2002 li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi iben l-attur Yani kien involut f'incident awtomobilistiku mall-konvenut nhar it-13 ta' Settembru, 2001, f'Triq il-Pelikan, San Gwann.

Illi l-incident sehh unikament kawza tas-sewqan traskurat u negligenti da parti tal-konvenut meta huwa kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAU-201.

Illi l-attur sofra danni ngenti kbar fuq il-vettura tieghu tal-marka Alfa Romeo GTV bin-numru ta’ registrazzjoni YAN-183 li kienet misjuqa minn ibnu kif gja fuq imsemmi tant, illi l-vettura giet ikkundannata bhala *write off*.

Illi ghalkemm debitament interpellat, anki ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata 21 ta’ Frar, 2002, sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni, il-konvenut baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-incident stradali fuq imsemmi sehh unikament kawza tas-sewqan traskurat u negligenti da’ parti tal-konvenut.

2. Tiddikjara illi l-konvenut ghandu jhallas id-danni kkawzati minnu fuq il-vettura tal-attur.

3. Tillikwida id-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur in linea ta’ danni, l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficjali datata Frar, 2002 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijietipprezentata fil-25 ta’ Novembru, 2002 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort ta’ ien l-attur Yani li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta’ registrazzjoni YAN-183, bi speed eccessiv u bla kontroll shih tal-vettura, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr ma kien qed izomm “a proper look-out”;

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-hsara li sofra l-attur fil-vettura tieghu tista’ tissewwa u zgur ma tammontax ghal “*write off*”.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent m’huwiex il-legittimu kontradittur stante li ma kienx hu li kien qed isuq il-vettura Fiat Punto LAU-201, izda ibnu Aaron Testa.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta’ l-24 ta’ Mejju, 2004 li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Aaron Testa.

Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Aaron Testa ippremzentata fit-22 ta’ Lulju, 2004 illi permezz taghha eccepixxa:

1. Preliminarjament li l-azzjoni “ex delicto” proposta mill-attur fil-konfront tal-eccipjent hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attici huma infondati fil-fatt ghaliex il-habta in kwistjoni grat unikament tort ta' iben l-attur Yani Ellul li kien qed isuq il-vettura Alfa Romeo GTV, numru ta' registrazzjoni YAN-183, bi speed esagerat, bla kontroll shih tal-vettura, bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u minghajr ma kien qed izomm "a proper look-out";

3. Illi, dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, il-hsara fil-vettura tal-attur tista' tissewwa u zgur ma tista' qatt titqies bhala "*write-off*".

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawza mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fis-7 ta' Frar, 2005 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ntavolata mill-imsejjah fil-kawza.

Rat il-verbal ta' l-14 ta' Gunju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza giet imhollija ghas-*sentenza* dwar ir-responsabilita' ta' l-incident in kwistjoni.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut u msejjah fil-kawza.

Ikkunsidrat;

Illi d-dinamika ta' l-incident tidher car mill-provi mressqa. Iben l-attur kien niezel minn Triq il-Pellikani ossija l-hekk imsejjah wied ta' San Gwann. Il-kjamat fil-kawza kien ghadu kif hareg il-vettura ta' missieru l-konvenut minn god-*drive-in* tad-dar ta' Dr. Louis Vella peress li kienu qed jaghmlu xi xoghol fl-istess dar. Dan biex l-istess Dr Vella johrog il-vettura tieghu mid-

*drive-in.* Hekk kif ghamel dan, il-kjamat fil-kawza li kien hareg b'lura rega' beda l-manuvra biex jidhol fid-*drive-in* u kien f'dan il-hin li grat il-habta mal-vettura ta' l-attur li dak il-hin kienet waslet f'dak il-punt.

Il-Qorti ghamlet access fuq il-post ta' l-incident fl-14 ta' Lulju, 2006. Minn dan setghet tikkonstata li t-triq in kwistjoni hija wiesgha bizzejjed biex zewg karozzi jghaddu liberament anke jekk ikun hemm vetturi parkeggjati – li f'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm. Barra minn dan minn fejn kien qed isuq iben l-attur hemm viswali konsiderevoli *nonostante* d-dislivell fit-triq (li hija pjuttost *steep* kif gie rilevat minn diversi xhieda).

L-argument principali tal-konvenuti huwa li iben l-attur kien qed isuq bi *speed* eccessiv u dan impedih milli jikkalkola tajjeb il-manuvra tieghu. Fi kliem il-konvenuti kieku kien qed isuq bi *speed* moderat kien ikollu l-hin kollu jara li l-kjamat in kawza kien diehel fid-dar imsemmija u allura kien ikollu l-hin u l-ispazju kollu biex jevitah. Skond il-konvenuti it-triq hija wiesgha bizzejjed ghal dan u huwa kien ikun jista' jevita lill-kjamat in kawza. A sostenn ta' dan huma jsostnu illi l-habta grat fuq in naha l-ohra tat-triq u cioe' il-kjamat in kawza kien kwazi wasal biex jidhol fid-*drive-in.*

Il-konvenuti ccitaw zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fejn skond huma c-cirkostanzi kienu simili fejn il-Qorti ddecidiet kontra s-sewwieq li kien ecceda fil-velocita' tieghu; l-uniku differenza hija li f'dawn iz-zewg kazi l-konvenut kien qed isuq dahru lejn l-attur u mhux minn faccata tieghu kif kien il-kaz f'din il-habta.

Qabel xejn din il-Qorti tiddikjara li ma taqbilx mal-konkluzjonijiet milhuqa f'dawn is-sentenzi. Skond gurisprudenza kostanti (u r-raguni) is-sewwieq li jkun qed isuq <u>kontra l-flow tat-traffiku</u> huwa dak li jkun responsabbli ghall-incident ghaliex ghandu jkun hu li joqghod attent li l-manuvra li

jkun qed jaghmel ma tkunx ta’ periklu ghal haddiehor. Min ikun qed isuq mat-traffiku m’ghandux jippresumi li xi hadd se jsuq kontra din il-*flow.* Ma ghandux isuq qisu qed isuq hu biss izda fl-istess hin ma hux gust li min isuq kontra l-*flow* jippretendi li haddiehor joqghod attent ghall-manuvra tieghu li billi tikser il-mixja tat-traffiku dejjem tkun xi ftit jew wisq inaspettata. *Oltre* dan fil-kazi citati mill-konvenuti (kif huma stess lealment irrikonoxxew) il-konvenut kien qed isuq quddiem l-attur; f’dan il-kaz jekk il-konvenuti jippretendu illi iben l-attur kellu kull opportunita’ jevita l-incident l-istess jista’ jinghad ghall-kjamat in kawza; jekk iben l-attur kellu opportunita’ jarah diehel fid-*drive-in*, bl-istess mod hu kellu kull opportunita jarah niezel u allura certament ma kienx messu ghamel il-manuvra tieghu proprju dak il-hin! Kien il-kjamat in kawza li kellu jistenna lil iben l-attur jghaddi qabel jidhol fid-*drive-in* u mhux jazzarda jaghmel il-manuvra dak il-hin. Jekk ma rahx qabel kien tard wisq it-tort huwa kollu tieghu ghax kieku zamm il-*proper look out* kien jarah zgur. Ghalhekk l-incident gara ghaliex il-kjamat fil-kawza baqa’ ghaddej bil-manuvra tieghu minghajr ma ta kaz tat-traffiku li seta’ kien gej minn faccata tieghu. L-argumenti mressqa mill-konvenuti fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet dwar l-eta’ tal-persuni involuti fl-incident huma rrilevanti ghal kollox. Dan li hu relevanti huma l-fatti li taw lok ghall-incident u dak li kien il-kawza prossima ta’ l-incident.

Gie ritenut fil-kawzi Dr Remigio Zammit Pace vs G Despott (24 ta’ Frar, 1997), S Mizzi vs J Grech (23 ta’ Marzu, 1972) u A Bartolo vs K Micallef (16 ta’ Frar, 1972) illi *l-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b’velocita eccedenti l-ispeed massimu tar-regolamenti, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizjoni huwa ma ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta’ kontributorjeta purche l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista’ jissejjah sfrenat.* Il-Qorti hija tal-fehma illi iben l-attur kien qed isuq b’velocita’ eccessiva izda kif gia’ inghad iktar qabel, il-kawza prossima ta’ l-incident kien in-nuqqas tal-kjamat in

kawza li jhares ‘il fuq qabel ma rega’ beda diehel fid-*drive-in;* kieku ghamel hekk l-incident ma kienx isehh.

Fir-rigward tal-fatt li finalment il-vetturi spiccaw fuq in-naha tat-triq ikkunsidrata *wrong side* ghall-iben l-attur, dan gara ghaliex hu pprova jevita l-vettura misjuqa mill-kjamat fil-kawza billi jikser lejn il-lemin tieghu, reazzjoni komprensibbli f’cirkostanzi simili. Dan il-fatt ma ghandux lanqas jiskolpa lill-kjamat fil-kawza kif lanqas ma jiskolpah il-fatt li kien ghoddu temm il-manuvra tieghu; kif jinghad dejjem f’dawn it-tip ta’ cirkostanzi f’incidenti ta’ traffiku mhix importanti li xi hadd kien *ghoddu skappa.* Il-fatt li ma skappax ma jfissirx illi ma ghandux tort anzi jfisser li ma messux ha dak is-sogru bit-tama li jiskappa.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza u tilqa’ l-ewwel zewg talbiet attrici billi tiddikjara lill-istess kjamat fil-kawza responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni kkawzati fil-vettura ta’ l-attur imsemmija fic-citazzjoni; tordna li titkompla l-kawza dwar it-talbiet l-ohra attrici. L-ispejjes ta’ din l-istanza huma a kariku ta’ l-imsejjah fil-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------